

# PROGRAMM TAL-FESTA SOLENNI F'ĠIEĦ SAN ĠUŻEPP, PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI FIL-PARROĊĊA TAL-KALKARA 2010



## IL-ĠIMGĦA 9 TA' LULJU

**L-Ewwel Quddiesa Solenni ta' P. Deo Debono OSA.**

5.15pm: Iż-żewg Baned Lokali jibdew il-marċ minn hdejn il-bini tal-MUSEUM ghal quddiem il-Knisja Parrokkjali.

5.30pm: Mill-knisja joħroġ Korteo tal-fratellanzi flimkien mal-Baned sad-Dar ta' Fr Deo (Rnella Housing Estate).

6.00pm: Tibda l-mixja lejn il-Knisja bis-sehem tal-Banda. Jimxu ukoll il-Kunsilliera tal-Kalkara.

7.00pm: Tibda l-Quddiesa Solenni Kkonċelebrata.

## IL-ĦADD 11 TA' LULJU

Fil-quddies jingħata tagħrif dwar il-festa. Issir ġabra speċjali li tmur għall-ispejjeż tal-festa.

Il-Quddiesa tas-6.00pm tkun animata mill-Grupp Żgħażagħ tal-Parroċċa u l-Grupp Żgħażagħ talKnisja ta' Santa Liberata. Il-Band taż-Żgħażagħ tal-Kapuċċini tmexxi il-Kant.

## IT-TNEJN 12 TA' LULJU

6.00pm: Rużarju u Kurunella.

6.30pm: Quddiesa kantata mmexxija mill-Kappillan, Dun Anton Galea-Scannura. L-għaqdiet kollha, mużikali u soċjali tal-parroċċa, flimkien mal-Kalkariżi li m'għadhomx joqgħodu fil-parroċċa huma mistiedna.

Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni jsir il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa li tiġi milqugħa fuq iz-zuntier mill-komunita' bis-sehem tal-Kor Parrokkjali, li jkun akkumpanjat minn Banda magħquda miż-żewġ soċjetajiet Mużikali, San Ġużepp u Sagra Familja.



# PROGRAMM TAL-FESTA SOLENNI F'ĠIEĦ SAN ĠUŻEPP, PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI FIL-PARROĊĊA TAL-KALKARA 2010



## IT-TLIETA 13 TA' LULJU:
***Jum it-Tfal u l-Familji tagħhom***

6.00pm: It-tfal jiltaqgħu ħdejn il-MUSEUM minn fejn tibda purċissjoni bi statwa ta' San Ġużepp. It-tfal kollha mistiedna jieħu sehem.

6.30pm: Quddiesa għat-tfal immexxija mir-Revdu Kan Malcolm Agius. Janima l-Kor tat-Tfal "Angels' Voices. It-tfal kollha li jattendu tingħatalhom tifkira. Il-Kor Angels' Voices huwa l-Kor tat-Tfal tal-parroċċa tagħna. Tmexxih Is-Sinjura Patricia Darmanin u l-organista Patrick Darmanin.

## L-ERBGĦA 14 TA' LULJU: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU
***Jum l-Anzjani u l-Morda***

6.00pm: Rużarju u Kurunella

6.30pm: Quddiesa li għaliha mistiedna l-anzjani u l-morda. Imexxi Mons Pawl Raggio.

Wara l-quddiesa tingħata il-Barka Sagramentali. Il-Quddiesa tkun animata mill-Kor Adonai.

## IL-ĦAMIS 15 TA' LULJU: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU
***Jum il-Familja***

6.00pm: Rużarju u Kurunella

6.30pm: Quddiesa li għaliha mistiedna il-koppji li din is-sena jagħlqu 10, 25, jew 50 sena miżżewġin. Fil-quddiesa ssir ukoll il-preżentazzjoni tat-trabi. Imexxi il-Quddesa P. Martin Mamo OFM Cap.

Wara l-quddiesa tingħata il-Barka Sagramentali. Il-Quddiesa tkun animat mill-Kor Shalom immexxi mis-Sinjura Agatha Zahra. Wara l-Quddiesa, l-koppji mistiedna għal bibita' fiċ-Ċentru Parrokkjali.







## IL-ĠIMGĦA 16 TA' LULJU: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

***Jum il-Parroċċa***

6.00pm: Rużarju u Kurunella

6.30pm: Quddiesa imexxija minn P. Ġwakkin Mercieca OFM Cap u P. Onorat Spiteri OFM Cap tal-Komunita' Kapuċċina tal-Kalkara li din is-sena qed jiċċelebraw il-Ħamis Sena ta' Ħajja Saċerdotali. Għal din il-quddiesa mistiedna il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kummissjonijiet. Mistiedna ukoll it-Terzjarji Franġiskani. Fil-Quddiesa ssir il-Vestizzjoni ta' l-Abbatini.

Wara t-Tqarbin jitkanta l-innu ta' ringrazzjament *Te Deum*.

## IS-SIBT 17 TA' LULJU: LEJLET IL-FESTA

6.00pm: Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp

6.30pm: Traslazzjoni Solenni bir-Relikwa ta' San Ġużepp. Imexxi P. Deo Debono OSA saċerdot novell mill-parroċċa tagħna.

Wara Quddiesa Solenni bis-sehem ta' l-Orkestra u l-Kor Parrokkjali San Ġużepp.

## IL-ĦADD 18 TA' LULJU: JUM L-GĦID TAL-PARROĊĊA

7.00am: Quddiesa Letta

8.30am: Quddiesa kkonċelebrata. Imexxi P. Deo Debono OSA .
Jippriedka Dun Hector Scerri S.T.D.

10.30am: Quddiesa Letta

6.00pm: Quddiesa Letta

7.30pm: Tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota ta' San Ġużepp b'tislima fuq iz-zuntier mill-Banda San Girgor, Sliema u l-Banda Beland taż-Żejtun.

Il-purċissjoni tkun akkumpanjata mill-Banda Sliema u tgħaddi minn Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq il-Kapuċċini, Triq San Lawrenz, Triq Giovanni Ricasoli, Triq is-Sienja, Triq Patist Borda, Triq is-Salvatur, Triq Rnella, ix-Xatt, u titla' mit-taraġ ta' quddiem iċ-Ċentru Laburista għall-Knisja Parrokkjali.

Fuq iz-zuntier l-istess baned jerġgħu isellmu lil San Ġużepp qabel jidħol fil-Knisja.

Kif tidħol il-purċissjoni fil-Knisja titkanta l-Antifona ta' San Ġużepp u tingħata l-Barka Sagramentali.

## IL-ĦAMIS 22 TA' LULJU: ĦARĠA SPEĊJALI WARA L-FESTA GĦAL GĦAWDEX.

2.00pm – 12.00am biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' il-Fonatana, u wara nkomplu il-ġurnata bil-mistrieħ u l-ikel.

## IS-SIBT 24 TA' LULJU: NIRRINGRAZZJAW 'L-ALLA U L-SAN ĠUŻEPP LI NGĦAQADNA BĦALA KOMUNITA' NISRANIJA BIEX NIĊĊELEBRAW IL-FIDI TAGĦNA.

6.30pm: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem ta' dawk kollha li ħadmu fit-tħejjija u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Festa.

Wara l-Quddiesa l-istatwa ta' San Ġużepp terġa titqiegħed fin-niċċa.

*N.B. Il-Kor u l-Orkestra fil-jiem tal-festa jkunu taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Josianne Zammit ALCM (TD), ATCL. Organista S-Sinjura Diane Mizzi B.Mus LCM(Hons) , B.Ed (Hons), ALSM.*

FIL-JIEM TAL-FESTA EJJEW **INSIBU ĦIN GĦALL-QRAR U L-EWKARISTIJA!**